## 10 ta' Marzu, 1953

Imħallef :
L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Giuseppe D'Emmanuele *versus* Carmelo Zahra

**Self — Terminu — Dekadenza — Kanonizzazzjoni — Titolu — Proċedura — Spejjeż Ġudizzjarji — Art. 1122 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Id-debitur ma jistax jitlob aktar il-benefiċċju tat-terminu jekk b'għemilu jnaqqas il-garanziji illi, skond il-kuntratt, ikun ta lill-kreditur, jew jekk ma jkunx tah il-garanziji li wegħdu.*

*L-eżegwibilità ta' att publiku hija sempliċement fakoltà tal-kreditur, b'mod li dan jista' jipprexindi milli jeżegwixxi t-titolu li għandu u jitlob f'ġudizzju l-kreditu tiegħu bl-aċċessorji; salv li jittieħdu in konsiderazzjoni l-ispejjeż maġġuri li jkunu ġew kaġunati b'dik il-proċedura.*

*Jekk imbagħad ma tkunx espressa d-dekadenza mill-benefiċċju tat-*

*terminu, tkun dejjem neċessarja l-kundanna ġudizzjarja; u jekk tkun espressa, imma tkun tiddependi minn kondizzjoni, il-kreditur għandu nteress li tiġi aċċertata l-verifikazzjoni tal-kondizzjoni qabel ma jipproċedi għall-eżekuzzjoni tat-titolu; f'liema każ, però, hu jista' jitlob li tiġi ordnata l-eżekuzzjoni tal-kuntratt għall-ammont intier, prevja d-dikjarazzjoni tad-dekadenza, u mhux il-kundanna tal-konvenut għall-ħlas ta' dak l-ammont; u għalhekk anki hawn il-kreditur għandu jbati l-ispejjeż kollha li bil-proċedura tiegħu jkun ikkaġuna inutilment.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li ppremetta illi b'kuntratt in atti Joseph Raymond Grech tas-27 ta' Mejju 1952 huwa silef lill-konvenut is-somma ta' £150, bl-obligu tar-restituzzjoni b'pagamenti mensili ta' mhux anqas minn £24, l-ewwel pagament isir fis-6 ta' Ġunju 1952, u mbagħad kull 6 tax-xahar sussegwenti sa l-estinzjoni finali tad-debitu, u bl-imgħax tas-sitta fil-mija pagabili a skaletta; u illi l-konvenut ħallas biss is-somma ta' £6 immedjatament mas-self, u għalhekk fadallu jagħti lill-attur il-bilanċ ta' £144 u l-interessi fuq din is-somma mid-data fuq indikata; talab, prevja d-dikjarazzjoni li d-debitur iddekada mill-benefiċċju tat-terminu minħabba li sar insolventi u minħabba illi l-istat tiegħu hekk tbiddel li jqiegħed fil-perikolu l-ħlas tal-kreditu, u minħabba kull raġuni oħra valida fil-liġi, illi l-istess konvenut jiġi kundannat iħallas lill-attur l-imsemmija somma ta' £144, bilanċ ta' somma akbar lilu mislufa in forza tal-kuntratt fuq imsemmi, bl-interessi fuq dik is-somma, u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-mandat tal-qbid tal-5 ta' Lulju 1952;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi in forza tal-kuntratt fuq imsemmi l-attur silef lill-konvenut £150 bl-obligu li jirrestitwihomlu b'pagamenti rateali ta' mhux anqas minn £24 l-waħda fix-xahar, bl-imgħax tas-6% fis-sena kalkolabili a skaletta (dok. A, fol. 4);

Illi, qabel ma ddeċieda jislef dawk il-flus, u qabel ma resaq għall-kuntratt, il-konvenut ipprometta lill-attur li jagħti istruzzjonijiet lid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi li jibgħat fl-indirizz ta' l-attur iċ-cheque li perijodikament dak id-Dipartiment kien jirrilaxxja lill-konvenut bi ħlas ta' serviġi li

kienu jirrendi bil-van tiegħu li kienet taħdem ma' dak l-istess Dipartiment (dep. attur fol. 32; tal-konvenut fol. 29 tergo; u ta' Giuseppe Carabott fol. 29);

Illi, difatti, qabel ma sar il-kuntratt bil-ministeru tan-Nutar, il-konvenut, akkompanjat mill-attur, mar sab l-inkarikat mill-ħlas fl-imsemmi Dipartiment, u taħ l-istruzzjonijiet fis-sens fuq espost (dep. ta' l-attur fol. 20; tal-konvenut fol. 29 tergo; u ta' Giuseppe Carabott fol. 29);

Illi, l-għada stess li ġie publikat il-kuntratt, il-konvenut reġa' mar sab lill-inkarikat mill-ħlas fuq imsemmi, u ħassar l-istruzzjonijiet li kien taħ, u qallu biex jibgħat iċ-cheque f'indirizz ieħor (dep. ta' Giuseppe Carabott fol. 29, u ta' l-istess konvenut fol. 29 tergo);

Illi mix-xhieda ta' l-istess konvenut jirriżulta illi, meta ssellef il-flus, kien midjun, u għadu midjun sal-lum, għalkemm igħid li f'somma wisq inferjuri;

Illi mill-premess jirriżulta illi l-konvenut b'għemilu neħħa l-garanzija li l-partijiet ikkontemplaw meta sar il-ftehim relativament għall-mutwu fuq imsemmi;

Illi, skond il-liġi, id-debitur ma jkunx jista' jitlob iżjed il-benefiċċju taż-żmien jekk b'għemilu jkun naqqas il-garanzija illi skond il-kuntratt kien ta lill-kreditur, jew jekk ma jkunx taħ il-garanzija li wegħdu (art. 1122 Kodiċi Ċivili);

Illi għalhekk it-talba ta' l-attur għar-restituzzjoni tal-bilanċ intier hija ġustifikata;

Tikkunsidra, dwar l-eċċezzjoni tal-konvenut li l-attur ma setax jagħmel din il-kawża, ġa la darba kien hemm l-att publiku;

*Illi*, l-ewwelnett, l-eżegwibilità ta' att publiku hija semplicement fakoltà tal-kreditur, li jista' jipprexxindi milli jeżegwixxi dak it-titolu u jitlob f'gudizzju l-kreditu tiegħu bl-aċċessorji ("Agius Caruana et. vs. Perotti et.", Kollez. Vol. XIV, pag. 422), salv, kif hu xieraq, li jittieħdu in konsiderazzjoni, fid-deċiżjoni ta' l-ispejjeż, dawk magġuri inutilment kaġunati bil-gudizzju;

Illi, imbagħad, f'dan il-każ id-dekadenza mill-benefiċċju ta t-terminu mhix espressa, u allura kienet neċessarja l-kundanna gudizzjali tad-debitur; u anki kieku d-dekadenza kie-

net espressa, billi fil-każ preżenti d-dekadenza tiddependi minn kondizzjoni, il-kreditur għandu interess li tiġi aċċertata l-verifikazzjoni tal-kondizzjoni qabel ma jipproċedi għall-eżekuzzjoni tat-titolu ("Nicosia vs. Farrell", Kollez. Vol. XVI, P. III, pag. 103);

Illi però l-attur seta' jitlob li tiġi, previja d-dikjarazzjoni tad-dekadenza, ordnata l-eżekuzzjoni tal-kuntratt għall-ammont intier, u mhux il-kundanna tal-konvenut għall-ħlas ta' dak l-ammont, u b'ġustizzja għandu kwindi jissopporta huwa l-ispiża żejda inutili;

Għall-motivi premessi;

Tiddeċidi adeżivament għall-istanza, bl-ispejjeż; iżda dawk żejda inutilment kaġunati lill-konvenut għar-raġunijiet premessi jbatihom l-istess attur.